MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 879/2001/1

Avviz Nru:- 879/01 DM

Charles De Giorgio Ltd

Vs

Socjeta' Nicholsons The Supermarket Ltd

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma bilancjali ta' erbghat elef mija u tmienja u hamsin liri u sitta u ghoxrin centezmi (Lm4158.26) dovuta minnhu bhala prezz ta' diversi merci li gew mibjughin u ikkonsenjati lilhu mis-socjeta attrici fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 2634/01 intavolat f’dina l-Qorti fil-10 ta’ Ottubru 2001 u bl-imghax legali kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1 L-ammont mitlub mhuwiex dovut;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.
3 Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bhala provi taghhom l-atturi pproducew bhala xhud lil Michael Bajjada, ‘sales representative’ tal-kumpanija attrici, li spjega illi l-ammont dovut ta’ Lm4,158.26 (erba’ telef mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmi) huwa bilanc dovut mill-prezz ta’ diversi merci illi nbieghu lill-konvenuti bejn is-6 t’April tas-sena 2001 u s-16 ta’ Lulju tas-sena 2001, u l-istess atturi ppresentaw l-invoices kollha relattivi ghal konsenja tal-merci bil-prezzijiet kollha relattivi u bil-firma ta’ min irceva l-merkanzija ghan-nom tal-kumpanija konvenuta.

Min-naha taghhom il-konvenuti, ghalkemm bl-eccezzjoni taghhom fil-mertu huma kienu sostnew illi m’ghandhom jaghtu xejn ghaliex l-ammont mhux dovut, mid-deposizzjoni ta’ Tonio Ciantar, ‘chief executive’ tal-kumpanija konvenuta, jirrizulta illi l-kumpanija konvenuta qeghdha tirrezisti t-talba ghal hlas li qed jghamlu l-atturi billi sosstni illi din it-talba saret intempestivament ghaliex, nonostante dak illi jindikaw l-invoices iffirmati minnhom, fejn hemm indikat illi l-prezz ghandhu jithallas fiz-zmien tletin (30) gurnata, il-konvenuti qed isosstnu illi kien sar

ftehim verbali mall-atturi, illi l-prezz kellu jithallas fi zmien disghin (90) gurnata.

Izda din l-allegazzjoni ta’ Tonio Ciantar waheda, minghajr ebda cirkostanza li tista’ tikkorroboraha, ma tikkostitwix prova sufficjenti ta xi ftehim iehor oltre dak li jirrizulta kkonfermat bil-miktub bil-firma tar-rapprezentant tal-kumpanija konvenuta fuq l-invoices relativi. Anzi l-istess invoices jistabilixxu definitivament ftehim illi l-prezz tal-merkanzija kellu jithallas f’inqas minn tletin (30) gurnata

Jirrizulta wkoll illi l-bejgh tal-merci sar bejn is-6 t’April tas-sena 2001 u s-16 ta ‘ Lulju tas-sena 2001, u ghalhekk kien anke lahaq skada t-terminu ta’ disghin (90) gurnata allegat mill-konvenuti qabel il-prezentata tac-citazzjoni li giet ipprezentata fis-17 t’Ottubru tas-sena 2001.

Ghaldaqstant, anke jekk wiehed kellu jiddedika xi ftit iktar attenzjoni ghall-verzjoni tal-konvenuti u l-eccezzjoni taghhom ta’ l-intempestivita’, jirrizulta li dawn kienu xorta wahda tardivi fil-pagament billi fis-16 t’Ottubru 2001, il-prezz kollu dovut kien ikollhu jigi mhallas u saldat.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ Lm4,158.26 (erba’ telef mija u tmienja u hamsin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-16 ta’ Lulju 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------